

32003D0774

L 283/78

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

31.10.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ottubru 2003

li tapprova ċerti trattamenti biex timpedixxi l-iżvilupp ta' mikro-organiżmi patoġeniċi f'molluski bivalvi u gastropodi marini

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 3984)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/774/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

(4) Dawn il-proċessi huma adegwati biex jiżguraw is-saħħa tal-prodotti u għalhekk mhux neċessarju li jkunu soġġettati bil-quddiem għal purifikazzjoni jew rikambji.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

(5) Dawn il-miżuri pprovvduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet sanitarji għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru. 806/2003⁽²⁾, u b'mod partikolari Kapitolu IV(IV)(2) ta' l-Anness tiegħu,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/25/KEE tal-11 ta' Diċembru 1992 li tapprova ċerti trattamenti biex timpedixxi l-iżvilupp ta' mikro-organiżmi patoġeniċi f'molluski bivalvi u gastropodi marini⁽³⁾ ġiet sostanzjalment emendata⁽⁴⁾. Fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità l-imsemmija Deċiżjoni għandha tingħata kodiċi.

L-Artikolu 1

(2) Molluski bivalvi u gastropodi marini miġbura miż-żoni msemmija fil-Kapitolu I(1)(b) u (ċ) ta' l-Anness mad-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet sanitarji għall-prodotti u t-tqegħid fis-suq ta' molluski bivalvi ħajjin⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru. 806/2003, jikkonstitwixxu theddida potenzjali għal konsumaturi jekk ma jkunux soġġetti għat-trattament xieraq.

It-trattamenti stabbiliti fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni għall-impedizzjoni ta' l-iżvilupp tal-mikro-organiżmi patoġeniċi f'molluski bivalvi u gastropodi marini li ġew miġbura miż-żoni msemmija fil-Kapitolu I(1)(b) u (ċ) ta' l-Anness mad-Direttiva 91/492/KEE u li ma ġewx soġġettati għal rikambji jew purifikazzjoni qabel ma tqiegħdu fis-suq huma hawnhekk approvati.

L-Artikolu 2

(3) Spanja, ir-Renju Unit u l-Olanda ppreżentaw trattamenti biex jimpedixxu l-iżvilupp ta' patoġeni f'molluski bivalvi u fgastropodi marini.

Id-Deċiżjoni 93/25/KEE hi mħassra.

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-24.09.91, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 122, tas-16.05.03, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 16, tal-25.01.93, p. 22.

⁽⁴⁾ Ara l-Anness II ma' din id-Deċiżjoni.

⁽⁵⁾ ĠU L 268, ta' l-24.09.91, p. 1.

Referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom isiru bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-30 ta' Ottubru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

*L-ANNEX I***TRATTAMENTI****A. Sterilizzazzjoni**

Molluski bivalvi u gastropodi marini jistgħu jkunu soġġettati għal sterilizzazzjoni f'kontenituri emetikament issiġillati li jikkonformaw mal-ħtiġiet tal-Kapitolu IV(4) ta' l-Anness mad-Direttiva 91/493/KEE.

B. Trattamenti oħra tas-sħana

Molluski bivalvi u gastropodi marini bil-qoxra u mhux iffriżati jistgħu jgħaddu minn wieħed mill-proċessi li ġejjin:

1. immersjoni filma jagħli għall-perijodu meħtieġ biex togħla t-temperatura interna tal-laħam tal-mollusk għal mhux inqas minn 90 °C u ż-żamma ta' din it-temperatura minima għal perijodu ta' mhux inqas minn 90 sekonda;
2. tisjir għal tliet sa' ħames minuti fi spazju magħluq, fejn it-temperatura hi bejn 120 u 160 °C u l-pressjoni hi minn 2 sa' 5 kg/cm², segwit minn tneħħija tal-qoxra u l-iffriżar tal-laħam għal temperatura ġewwinija ta' -20 °C;
3. tisjir fuq il-fwar taħt pressjoni fi spazju magħluq, sakemm il-ħtiġiet rilatati mal-ħin tat-tisjir u t-temperatura interna tal-laħam tal-mollusk imsemmija fil-punt 1 huma milħuqa u d-distribuzzjoni uniformi tas-sħana fl-ispazju magħluq hu garantit b'metodu validat fil-qafas ta' programmi ta' awto-kontroll.

*L-ANNEX II***Deċiżjoni mħassra blemendi tagħha**

Deċiżjoni 93/25/KEE (ĠU L 16, tal25.1.1993, p. 22)

Deċiżjoni 97/275/KE (ĠU L 108, tal25.4.1997, p. 52)

L-ANNEX III

Tabella tal-korrelazzjoni

Deiżjoni 93/25/KEE	Din id-Deċiżjoni
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1
—	L-Artikolu 2
L-Artikolu 2	L-Artikolu 3
l-Anness	L-Anness I
—	L-Anness II
—	L-Anness III